MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 3200/1996/1

**Mario Mallia.**

**-vs-**

**George Portelli u ghal kull interess li jista' jkollha martu Anna Rita Portelli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Novembru, 1996 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa self-employed u xogholu huwa ta' driver ta' mini bus, li hija wkoll propjeta tieghu.

U illi fit-8 ta’ Marzu 1996, fin-12.30 p.m. waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura, Ford Mini-Bus numru ta’ registrazzjoni Y-2245 kien involut f’incident stradali li gara f’Misrah Ninu Cremona kantuniera ma’ P.L. Saydon Street, Iklin (Ara Dok A – Road Accident Report).

U illi ghall-istess incident stradali tat-8 ta’ Marzu 1996 l-attur sofra danni konsistenti fi hsarat estensivi fil-vettura Y-2245, sanni fuq il-persuna, u danni konsegwenzjali konsistenti f’telf ta’ xoghol, u danni ohra kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U illi l-konvenut, permezz tal-assikurazzjoni tieghu, accetta ir-responsabilita ghall-incident in kwistjoni u l-assikurazzjoni anke bghatet cheque (numru 0719114) ghall-ammont ta’ Lm900 lill-attur ghas-saldu tad-danni minnu sofferti, liema pagament ma giex accettat mill-attur, billi d-danni kollha sofferti mill-attur b’rizultat tal-incident stradali tat-8 ta’ Marzu 1996 kien ferm akbar.

U illi l-konvenut, ghalkemm interpellat tramite l-assikurazzjoni tieghu, biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur b’rizultat tal-incident stradali tat-8 ta’ Marzu 1996, baqa’ inadempjenti.

Prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenut George Portelli huwa unikament responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b’rizultat tal-imsemmi incident stradali tat-8 ta’ Marzu 1996;

2. Tordna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat, in linea ta’ danni, bl-interessi legali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-15 ta’ April 1996 kontra l-konvenuti, minn issa ngunti biex jidhru u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-23 ta’ Gunju, 1997 li permezz taghha eccepew;

1. Preliminarjament il-konvenuta Anna Rita Mallia ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju stante illi bejnha u bejn zewgha hemm separazzjoni tal-beni u ghalhekk, stante li ma kienitx hi li kienet involuta fil-kollizjoni in kwistjoni, hija m’ghandha ebda interess fil-kawza.

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjenti George Portelli jissottometti illi huwa m’huwiex unikament responsabbli ghal-kollizjoni in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet tal-atturi fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal-premess, id-danni reklamati huma ezagerati kemm fir-rigward ta’ dawk relattivi ghat-tiswijiet kif ukoll ghal-dawk indikati ghal allegati danni personali.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess u in-linja sussidjarja, f’kaz li l-Qorti tirritjeni illi r-responsabilta ghandha tigi apporzjonata jew li ghandha tigi b’xi mod allokata lill-istess attur, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-entita tad-danni sofferti mill-istess eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport ta’ l-espert mediku.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistenti Gudizzjarji.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2006 u dawk sussegwenti li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu d-danni in konsegwenza tal-habta li grat fit-8 ta' Marzu, 1996 bejn il-*Mini Bus* misjuqa mill-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan tal-ahhar qed jikkontesta r-responsabilita' u allura li ghandu jhallas dawn id-danni.

**Responsabilita'**

Dwar ir-responsabilita' din il-kawza ftit tippresenta problemi u dan ghaliex il-konvenut injora sinjal biex jieqaf (*Stop Sign*) li kien hemm fit-tarf tat-triq illi minnha kien qed jisporgi. Ghalkemm dan is-sinjal mhux indikat fl-iskizz, jidher car fir-ritratti esebiti mill-attur.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza John Refalo nomine vs Vincent Busuttil (deciza fit-22 ta' Gunju, 1979) *at a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter a major road until you can do so without causing danger* (mill-manwal 'Driving' pagna 94.) Il-Qorti ccitat ukoll il-manwal 'Law on Collisions' (Isaacs and Laveson) f'pagna 24 li jghid *Even though the driver on the thorough road has not got an absolute right of way, yet he is entitled to asume that other drivers will comply with the ordinary rules of the road.*

Ghalhekk il-konvenut ma jista' b'ebda mod jiskolpa ruhu mill-incident li tieghu huwa unikament responsabbli.

**Danni**

Jidher li fl-iskambu ta’ korrispondenza li saret qabel il-kawza dan kien l-iktar punt li dwaru l-partijiet ma setghux jaqblu. Dan minhabba zewg ragunijiet – l-ewwel nett skond l-attur biex bidel il-*Mini Bus* tieghu kien kostrett jixtri wiehed li kellu mhux inqas minn hames snin hajja u dan skond ir-regoli ta’ l-Awtorita’ dwar it-trasport u allura nefaq somma sostanzjali (kwazi hamest elef Lira Maltin {Lm5,000} ghall-vann biss), fil-waqt li s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut insistiet li ghandha thallas biss il-valur tal-vetturi dannegjata *beyond economic repair* fl-incident; it-tieni ghaliex l-istess socjeta’ insistiet li l-attur ma sofra ebda danni personali b’rizultat ta’ l-incident.

L-attur fin-nota tieghu qed jitlob sebat elef, seba’ mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm7,785) ghall-ispejjes kollha li nkorra biex gab il-vann il-gdid. Il-Qorti jidhrilha li dan l-ammont mhux gustifikat. Huwa veru li l-attur kien moqdi bil-vann li kellu ghaliex kien kopert bil-permess u kellu jixtri vann kwazi gdid biex ikollu l-permess li juzah ghall-iskop precedenti tieghu. Madankollu kif sewwa rrimarka ix-xhud Hugh Zammit, ufficjal tas-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, b’dan il-mod l-attur xtara vettura li kellha tnejn u ghoxrin (22) sena inqas hajja minn dik li giet distrutta fl-incident. Fil-kors normali taghha, il-vettura dannegjata ma kellhiex wisq iktar hajja go fiha u l-attur ma jistax japprofitta ruhu mill-incident u jarrikixxi ruhu b’dan il-mod. F’xi zmien jew iehor wara l-incident din l-ispiza kellu jaghmilha. Meta xtara l-vettura relattivament gdida huwa gie moqdi ahjar izda ma jistax, kif gia’ inghad, jiehu vantagg mill-incident b’dan il-mod. Ghalhekk jixraq li jithallas il-valur tal-*Mini Bus* u cioe’ l-ammont indikat fil-polza ta’ assikurazzjoni u cioe’ elf Lira Maltin (Lm1,000). Billi jidher li zamm il-fdalijiet ser titnaqqas minnha s-somma ta’ mitt Lira Maltin (Lm100). Il-Qorti lesta tikkoncedi li l-ispiza kellu jaghmilha xi snin qabel u kwindi s-somma ta’ sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) kien jonfoqha bejn tlieta u hames snin wara u ghalhekk ser takkordalu is-somma ta’ tmien mija u hamsin Lira Maltin

(Lm850) minnflok l-imghaxijiet li seta' tilef fuq dan l-ammont.

Ghalhekk ghall-*Mini Bus* jigi moghti b'kollox elf, seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm1,750).

Dwar ix-xoghjol li tilef il-Qorti lanqas ma tista' tifhem kif l-attur qed jippretendi li jithallas elf, sitt mija u sbatax-il Lira Maltin (Lm1,617) ghall-perjodu mit-8 ta' Marzu sal-25 ta' Mejju, 1996 meta dak iz-zmien il-qligh tieghu skond il-prospett tat-taxxa kien cirka tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600). Ta' xahrejn xoghol ma jistax li tilef kwazi nofs il-qligh tas-sena in kwistjoni; il-Qorti ser takkordalu ghalhekk is-somma ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900) billi tifhem li fiz-zmien l-iskola sewwieq ta' *mini bus* ikollu iktar qligh mix-xhur l-ohra.

Dwar l-ispejjes medici (tnejn u hamsin Lira Maltin {Lm52}) ma hemmx kwistjoni u dawn ghandhom jigu akkordati.

Jibqa' allura il-hlas dovut ghad-disabilita' permanenti. L-espert mediku nkarigat mill-Qorti kkalkola l-persentagg bhala tnejn fil-mija (2%). Naturalment il-Qorti ser tistrieh fuq din l-istima, b'kull rispett dovut ghaz-zewg esperti *ex parte*. Fil-fatt ftit kien hemm differenza fl-ammonti indikati mill-esperti anke jekk dak imqabbad mill-konvenut kkonkluda li ma kien hemm xejn disabilita'. Kif irrimarka l-konvenut fin-nota tieghu dawn il-Qrati gieli akkordaw somma *arbitrio boni viri* ghal dawn it-tip ta' disabilitajiet relattivament zghar. Il-Qorti pero' thoss li dan jista' jkun diskriminatorju f'certi cirkostanzi u ghalhekk ser tahdem l-ammont li thoss li ghandu jithallas lill-attur skond il-principji adoperati ghall-ewwel darba fil-kawza **Butler vs Heard** (Appell 22 ta' Dicembru, 1967).

Dwar l-hekk imsejjah *multiplier* din il-Qorti kif gia' semmiet fil-kawzi Aquilina vs Omar u Piscopo vs Mifsud decizi fl-2004 u 2005 rispettivament indikat li l-ammont massimu li tapplika (sakemm il-vittma ma jkunx ta' eta hafna zghira)

huwa ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u ma taqbilx ma' l-attur (li kellu tletin {30} sena meta gara l-incident) li ghandha tapplika iktar.

L-istess dwar l-introjtu; l-attur kellu cirka tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) qligh dak iz-zmien u ghalhekk il-Qorti ser tahdem is-somma fuq erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) biex taghmel tajjeb ghal zidiet li jista' jkollu minghajr ma jkollha ghalfejn toqghod tnaqqas ghal hlasijiet ta' taxxa u kontribuzzjonijiet socjali. Dan meta jinhadem jammonta b'kollox ghal elfejn Lira Maltin (Lm2,000). Minhabba li l-kawza ilha ghaddejja mill-1996 mhux ser isir tnaqqis ghall-hlas f'daqqa.

Ghalhekk l-ammont dovut kollu huwa ta' elf, seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm1,750) *plus* disa' mitt Lira Maltin (Lm900) *plus* tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm52) *plus* elfejn Lira Maltin (Lm2,000), li jigu b'kollox erbat elef, seba' mija u giex Liri Maltin (Lm4,702).

Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni ghandu ragun il-konvenut li martu ma kellhiex titharrek ghaliex ma ghandha ebda interess fil-kawza. L-attur pero' ma ghandux ibati spejjes fir-rigward ghaliex ma setax ikun jaf x'kien ir-regim matrimonjali tal-konvenut.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' biss l-ewwel eccezjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u tilqa' t-talbiet kollha attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, seba' mija u giex Liri Maltin (Lm4,702). L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------